# Qorti tal-Magistrati (Malta)

## Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.

**Il-Pulizija**
**(Spettur Mario Tonna)**

**vs**

**Gordon Micallef**

**Kumpilazzjoni Numru: 733/2013**

**Illum, 28 ta' Gunju 2021**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra Gordon Micallef detentur ta' karta tal-identita' numru 351092M.

Akkuzat talli nhar bejn it-30 ta' Gunju 2013 u l' 1 ta' Lulju 2013 matul il-lejl min gewwa il-fond kummercjali maghruf bhala

'flashback' li jinsab gewwa triq San Gorg Paceville San Giljan ikkommetta serq ta' handbag, credit cards u Mobile phone tal-ghamla Samsung ta' ghad-dannu ta' Grace Buttigieg minn Haz Zabbar liema serq huwa aggravat bil-hin, bil valur u bil-persuna ai termini tal-artikoli 261, 267, 268 u 270 tal-kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta

U aktar talli bejn il-perjodu imsemmi fl-ewwel akkuza u id-9 ta' Lulju 2013 xjentement laqa' ghandu, jew xtrara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat jew xjentement indahal b'kull mod sabiex ibieghhom jew imexxihom u dan ai terminu tal-artikolu 334 tal-kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

U aktar talli ikkommetta reat waqt li kien taht operat ta' Sentenza ta' Prigunerija liema sentenza inghatat nhar it-30 ta' Mejju 2011 mill-Magistrat Dottor E Grima LL.D.

Rat l-ezami tal-imputat fejn huwa wiegeb hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u talab li jithejja Pre Sentencing Report minn Probation Officer;

Rat illi l-partijiet iddikjaraw u qablu illi r-*res furtiva* giet ritornata lura u li l-parte civile kien qed jirrinunzja ghal dak li hu rinunzjabbli;

Rat il-fedina tal-imputat;

Rat ir-rapport tal-ufficjal tal-Probation datat 18 ta' April 2016 fejn dak iz-zmien gie ssuggerit li tinghata piena karcerarja u dan ghaliex baqa' l-abbuz persistenti tad-droga li dan kien qed dejjem ixellef lid-denunzjat mal-gustizzja.

Rat illi ghal diversi snin l-imputat ma kienx qed jidher il-Qorti ghaliex ma kienx qed jinstab;

Rat illi fl-4 ta' Frar 2019 din il-Qorti ordnat illi l-imputat jerga' jibda jigi segwit mill-ufficjal tal-Probation Svetlana Bezzina u dan peress illi issa l-imputat wera bis-serjeta' li xtaq jindirizza l-problema tad-droga;

Rat l-ahhar nota ta' andament tal-ufficjal tal-Probation Svetlana Bezzina datata 29 ta' Jannar 2021 fejn din ikkonstatat illi:-

*«F'Settembru ta' din is-sena, Gordon Micallef informa lis-sottoskritta li kien applika ghal-Licenza tal-Parole u ghaldaqstant inbdiet il-kumpilazzjoni ta' rapport ghall-Bord tal-Parole mis-sottoskritta. Tul il-kumpilazzjoni tar-rapport sar aktar evidenti li Micallef m'ghandux wisq hsieb li jsegwi programm residenzjali hekk kif f'dan l-istadju huwa qieghed jinsisti li jinsab cert li mhux se jerga' jirrikorri ghall-uzu tad-droga. Huwa min-naha l-ohra qieghed isostni li lest izomm il-kuntatt ma' Rachel Ciantar minn Sedqa ladarba jirritorna lura fil-komunita'. Minkejja dan, kif diskuss tul laqgha li saret fil-25 ta' Novembru 2020 bejn il-professjonisti li jahdmu ma' Micallef, ghadu jinhass il-bzonn li huwa jsegwi programm residenzjali sabiex jitnaqqas ic-cans li huwa jerga' jirrikorri ghall-uzu tad-droga u li jinvolvi ruhu fil-kriminalita'.»*

Illi gie maqbul illi a rigward it-tielet (3) akkuza l-imputat kien diga' gie ssentenzjat permezz ta' decizjoni ta' din il-Qorti datata 21 ta' Novembru 2016.

Illi tenut kont ta' dak li ntqal hawn fuq u minkejja t-trapass twil ta' zmien fejn l-imputat inghata l-hin kollu sabiex huwa jirriforma ruhu kompletament u jisma' mill-professjonisti kollha li jsegwuh mhux ikompli jaghmel ta' rasu, din il-Qorti thoss illi ma tistax tafda lill-imputat b'sentenza ohra fil-komunita' biss u ghalhekk ser timponi sentenza karcerarja sospiza b'supervizjoni.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 261, 267, 268 u 270, 279(a), 280(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fuq ammissjoni, qed issib lill-imputat **Gordon Micallef** hati tal-ewwel akkuza biss u stante li t-tieni (2) akkuza hija alternattiva ghall-ewwel akkuza, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28G(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundannah ghal tmien (8) xhur prigunerija sospizi b'supervizjoni ghal sena (1) filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet (3) akkuza.

------------------------------------------

**Ft./Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**